



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Marzu 2020
(OR. en)

6184/20
ADD 1 REV 1
LIMITE
PV CONS 6
RELEX 141

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Barranin)
17 ta' Frar 2020

WERREJ

Pàġna

Attivitajiet mhux leġislattivi

3.	Ġrajjet Kurrenti	3
4.	Relazzjonijiet bejn l-UE u l-UA	3
5.	Libja.....	3
6.	Relazzjonijiet bejn l-UE u l-Indja.....	3
7.	Affarijiet oħra	3

Attivitajiet mhux leġislattivi

3. Ġrajjet Kurrenti

Il-Kunsill kellu diskussjoni qasira dwar l-impenn tal-UE mar-reġjun bil-ħsieb tal-laqgħa li jmiss bejn l-UE u l-Mexxejja tal-G5 tas-Sahel fis-26 ta' Marzu 2020.

Ir-Rappreżentant Għoli Borrell ta informazzjoni dwar iż-żjara reċenti tiegħu f'Belgrad u Pristina u qasam l-impressjonijiet u l-konklużjonijiet tiegħu.

Venezwela: Ir-Rappreżentant Għoli rrefera għall-aħħar żviluppi fil-pajjiż u għall-vjaġġ ta' sensibilizzazzjoni li jmiss fir-reġjun mill-Mibgħut Speċjali, Enrique Iglesias.

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet qasir dwar l-aħħar żviluppi fir-rigward tas-Sirja u l-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani.

4. Relazzjonijiet bejn l-UE u l-UA

Skambju ta' fehmiet

Il-Ministri kellhom skambju ta' fehmiet dwar il-futur **tar-relazzjonijiet** bejn l-UE u l-Afrika u l-involvement tas-sħab Afrikani. Huma appoġġaw b'mod ġenerali d-deskrizzjoni tal-Komunikazzjoni Konġunta li jmiss dwar il-kwistjoni u talbu li jiġu involuti mill-qrib fil-proċess preparatorju ulterjuri.

5. Libja

Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar is-sitwazzjoni fil-Libja u laħaq qbil politiku dwar **operazzjoni** ġdida tal-PSDK tal-UE b'enfasi fuq l-implimentazzjoni tal-embargo tan-NU fuq l-armi.

6. Relazzjonijiet bejn l-UE u l-Indja

Skambju ta' fehmiet

Punt mhux meħud minħabba nuqqas ta' ħin.

7. Affarijiet oħra

Ir-Rappreżentant Għoli ħabbar li r-raba' Konferenza ta' Brussell dwar l-appoġġ għall-futur tas-Sirja u r-reġjun ser issir matul l-ewwel semestru tal-2020.